MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 46

25 ta' Mejju 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Victor Galea – Kunsillier (Telefonata)

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.30pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur Victor Galea li kellu jidħol ftit tard. Is-Sur Cordina offra t-talba tal-bidu għall-kunjata tas-Sur Alex Mangion li kienet tinsab ħażin.

## 46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

46.1.1 Ġie skużat is-Sur Alex Mangion.

## 46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

46.2.1 Il-Minuti ġew approvati.

## 46.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

46.3.1 ***Ġnien l-Istazzjon***

Ġew approvati dawn il-varjazzjonijiet:

1. *Addendum to reservoir and work below dpc (these are works which result from site conditions and for which we did not have rates): Euro 14,791.71*
2. *Change in quantity from reservoir and works below dpc (these are works which were already defined but which have changed in quantity – rates are fixed): Eur 22,932.89*
3. *Works associated with retaining wall dismantling and rebuilding including works to support wall for library works – Eur 68,078.06*

*Total: Eur 105,802.66 excl VAT*

Is-Sindku spjega li hemm il-kwistjoni tal-ħajt li kellu jinqala' kantun kantun u li qed jippruvaw jagħmlu laqgħa mas-sidien ta' Roseville forsi jinqasmu. Ovvjament qal is-Sur Cordina trid tiġi indentifikata l-ħsara minn fejn ġiet u fil-każ li ma jaslux għall-ebda ftehim issuġġerixxa li dawn il-fondi jittieħdu mill-*Planning Development Fund.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kollox irid jittieħed mill-PDF għax il-flus li ħa jifdal mill-EU Funds ħa jintużaw biex issir l-għamara ta' ġewwa. Ħadd ma sab oġġezzjoni. Għalhekk, ġie maqbul li dawn il-fondi jittieħdu mill-PDF u l-kuntrattur ikun jista' jkompli x-xogħol.

46.3.2 ***Junior Science Club***

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret talba sabiex il-Kunsill Lokali ikun parteċipi fil-*Junior Science Club* li jinkorpora fih it-tagħlim tax-xjenza, liema suġġett ġie ntrodott fit-tielet sena tal-iskola Primarja. Qalet li min-naħa tad-Dipartiment tax-xjenza kull ma għandhom bżonn hu *whiteboard,* post fejn isiru l-lezzjonijiet bejn l-4.15pm u l-5.30pm li jinsab ġa provdut mill-iskola, għalliem liema spiża trid tiġi assorbita mill-Kunsill u tikkonsisti f'€40 kull sezzjoni għal disa' xhur b'total ta' €1560. Is-Sur Cordina qal li dan is-servizz hu miftuħ għal kulħadd imma għandha tingħata preferenza lir-residenti ta' Ħ'Attard. Hu kompla jgħid li għal dan ix-xogħol

kollu l-ispiża mhix kbira ħafna u jħoss li huwa bżonnjuż u ħa jservi ta' ġid. Il-Perit Schembri saqsa meta ħa jibdew? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara li jitqassam fuljett informattiv u ssir promozzjoni fuq il-midja soċjali jibdew xi Settembru/Ottubru. Kulħadd qabel.

46.3.3 *Attività tal-Karnival*

Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill li saret attività tal-Karnival il-ġimgħa li għaddiet u li ġie avviċinat biex il-Kunsill jgħin fl-ispiża li saret permezz ta' €100. Kulħadd qabel.

46.3.4 *Tender Knis*

Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill li t-tender tal-knis se tagħlaq il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2022 u propona li l-Bord tal-Evalwaturi Chris Falzon, Helen Caruana u Remigio Bartolo jiltaqgħu il-ġimgħa ta' wara biex kemm jista' jkun iħaffu l-proċess. Il-Perit Schembri saqsa għal kemm snin se jingħata t-tender. Is-Sur Cordina qal li 4 snin li bħalissa għaddejjin b 'servizz t'emerġenza u li kenniesa bħalissa qed ikun hemm tlieta.

46.3.5 *Street Naming Committee*

Is-Sur Cordina qal li l-iStreet Naming Committee issuġġerew li tiġi numerata mill-ġdid Triq l-Imdina. Hu xtaq jiddiskutiha mal-Kunsill minħabba li ma xtaqx jerġa' jiġri bħal ma ġara fi Triq ir-Ruzell fejn ikun hemm min għandu negozju u jkollu jibdel indirizz ta' *letterheads, printouts eċċ.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kwistjoni ddur mal-fatt li Triq l-Imdina tispiċċa ħdejn Benny's Antiques u li minn hemm tibda Triq Ħaż-Żebbuġ sal-Beldiam. F'din il-parti hemm numri li huma l-istess bħal ta' Triq l-Imdina meta hija l-istess triq dritta.

Is-Sur Cordina qal b'risposta għad-domanda tal-Perit Schembri li kull resident se jkun infurmat bin-numru l-ġdid mill-iStreet Naming Committee. Is-Sur Cordina qal li se ssir laqgħa fuq il-post u li r-residenti jkunu nfurmati kif issuġġerixxa l-Perit Schembri minħabba li hemm ħafna negozji.

46.3.6 *Riżenja Sur Geoffrey Cilia*

Is-Sur Cordina qal li l-iskrivan, is-Sur Geoffrey Cilia irriżenja mill-kariga tiegħu u li għalhekk irid jiġi mpjegat ħaddieħor minfloku. Qal li prova jċempillu qabel il-laqgħa biex jipprova jieħu deċizjoni finali imma s-Sur Cilia tenna li r-riżenja tiegħu hija finali b'effett mit-23 ta' Mejju sas-17 ta' Ġunju 2022. Hu kompla jgħid li kif ikunu qed joħorġu t-talba għall-skrivan tinħareġ oħra għall-Accounts Clerk *part-time* .

Il-Perit Schembri saqsa jekk kinitx għadha attiva l-iskema l-oħra. Is-Sur Cordina qal li skemi kien hemm tnejn: waħda tad-District Operations Limited u CIES. Qal li saret l-*interview* ma' persuna li ntbagħtet mid-DOL u li nstab li ma kinitx idoneja għall-Uffiċċju tal-Kunsill anka mill-*feedback* li nġab mill-Kunsilli preċedenti li kienet taħdem magħhom. L-iskema tas-CIES kienet wieqfa hekk kif ġew infurmati mid-Direttur Ġenerali Natalino Attard.
Il-Perit Schembri talab li jkun skużat 05.55pm imma qabel illarga qabel mal-proposti.

L-Avukat Schembri saqsiet għala issa qed tinħass il-ħtieġa ta' *Accounts Clerk?* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-volum ta' xogħol veru żdiet. Is-Sur Cordina qal li biex jgħid kollox is-Segretarju Eżekuttiv ilu snin twal jagħmel ix-xogħol ta' *inputting* hi biex tiffranka flus lill-Kunsill meta Kunsilli oħra għandhom impjegati attaposta li jagħmlulhom dan ix-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol irdoppja jekk mhux ittriplika ruħu u dan minħabba li ħafna transazzjonijiet marru *online* u naturalment żdiet ix-xogħol kif dawn jiddaħħlu fis-sistemi. Qalet li 17-il sena tagħmel dan ix-xogħol u li qatt ma talbet għajnuna għax dejjem għoġobha. Imma sar impossibli biex wieħed ilaħħaq max-xogħol ta'kuljum bħall-iskemi tal- SPI li ġieli ħadu ġimgħat biex jintlew.

Is-Sur Remigio Bartolo qal li qed ikun l-Uffiċċju darbtejn, tliet darbiet fil-ġimgħa u li vera hemm ix-xogħol. Kompla jgħid li biss biss fuq ta' Gela ilhom xahar għaddejjin. L-Avukat Caruana saqsiet jekk xi ħadd mill-ħaddiema l-oħrajn jixtieqx jieħu *over* hu biex ikollhom opportunità jaqilgħu lira *overtime*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġa mimlijin bix-xogħol kif inhuma barra li tnejn minnhom jidħlu sibtijiet ukoll u għaldaqstant m'hemmx fejn jistgħu jiġġebdu iktar. Il-Perit Schembri daħal lura f'dan il-mument 06.00pm. Is-Sur Cordina qal li spazju xi ħaġa jirranġaw ukoll. Kulħadd qabel ma dawn il-proposti t'ingaġġi li ġiet proposta mis-Sur Stefan Cordina u ssekondata mill-Avukat Caruana.

46.3.7 *Kumpless Sportiv*

Is-Sur Cordina qal li fuq il-kumpless sportiv is-Sur Bartolo bagħat il-punti tiegħu u li jekk għandhom xi punti oħrajn barra dak li ġa ssemmew fil-Minuti, jiġifieri xi riżervi oħrajn barra dawk li ġa ssemmew jibgħatuhom.

## 46.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

46.4.1 L-Avukat Helen Caruana

- Saqsiet dwar il-Bus Stop ħdejn il-flets tal-Gvern biex jinbidel. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qiegħed fil-lista biex jinbidel.

46.4.2 Is-Sur Remigio Bartolo

- Qal li beda jaħdem fuq Jum Ħ'Attard bis-sehem tal-banda u li dawn issuġġerew li ssir fit-2 ta' Settembru flok qabel minħabba li hemm il-festi. Bhalha comperes issuġġerixxa lil Keith Demicoli jew Amanda Ciappara Mizzi. Bhalha kantant issuġġerixxa lill-Ludwig Galea. Ħadd ma sab oġġezzjoni.
- Xi ħaġ'oħra li xtaq isemmi kienet il-problema tal-kmamar tal-proġett tal-Unjoni Ewropeja ġewwa Gela, Sqallija. Qal li se jinstab bilanċ għal dawk li jixtiequ jkunu waħidhom. Hu fakkar li sal-ġimgħa d-dieħal kulħadd ried jgħaddi kopja tal-karta tal-identità minħabba li l-prezzijiet tal-Catamaran qed jogħlew kuljum.

45.4.3 L-Avukat Silvio Brincat

- Hu ressaq messaġġ dwar kif il-*hair pin* li ddur inti u ġej mill-Belt għan-naħa ta' Sant'Anton. Is-Sur Cordina qal li x'aktarx jitnaqqsu xi *bollards* biex il-*merge lane* titwal. Kien hemm ħsieb ukoll li din il-*hair pin* tingħalaq imma dan ovvjament qal is-Sur Cordina

se jkun żball kbir anka ħabba d-dinjitarji li jmorru l-Palazz tal-President. Il-Perit Schembri qal li l-biċċa hi li jekk iżżomm mal-*lane* ta' quddiem iċ-Ċimiterju tispiċċa fil-*lane* ta' quddiem Sant'Anton. Ħafna mill-karozzi jagħmlu manuvri koroh u kellhom isiru sinjali biex jindikaw il-*lanes* għal Sant'Anton.

46.4.4 Il-Perit Giorgio Mario Schembri

- Talab biex jiġu ko-oridinati l-ġranet biex jintlaqgħu in-nomini ta' Ġieħ Ħ'Attard peress li ħa jaħbat kollox fix-xahar ta' Awwissu, fl-eqqel tas-Sajf. Is-Sur Remigio Bartolo qal li mhux sa tkun problema għax sa jkun hemm kumitat attaposta u li ħa ssir ġewwa.

46.4.5 Is-Sur John Bonnici ħalla l-kamra 06.16pm

- Tkellem ukoll fuq il-pont ta' Wied Irmiedi li baqa' wieqaf u ma tkompliex. Qal li dan il-proġett kien parti mis-Central Link u ma tkompliex. Talab biex issir pressjoni min-naħa tal-Kunsill.

46.4.6 Is-Sinjura Connie Scerri

- Qalet li marret il-Konferenza dwar it-trattat ta' Lisbona rigward it-trattament xieraq tal-annimali. Kompliet tgħid li se jidħlu fis-seħħ l-Animal Stewards li ħa jipprovdu edukazzjoni fejn hu meħtieġ lill-Sidien tal-Annimali. Semmiet il-Local Council Funds li se jagħmlu użu minnhom biex isiru *shelters, parks, veterinary services u* kura għall-Annimali li jkunu jiġru fit-toroq.

## 46.5 Rapporti

46.5.1 Ma kienx hemm rapport.

## 46.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

46.6.1 Ma kienx hemm.

## 46.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

46.7.1 Dawn ġew approvati wara li nqraw kollha peress li ċ-ċedola ma laħqitx intbagħtet. Proponent: Helen Caruana Sekondant Remigi Bartolo.

## 46.8 Mozzjonijiet; u

46.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 46.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

46.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.31pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Ġunju 2022 fil-5.30pm
Konfermati, illum 22 ta' Ġunju 2022

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina - Sindku | Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv |